**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 011/2021

5 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fit-3:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

## 11.1 SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' interess – Milied 2021

11.1.1 Is-Sindku qrat cirkolari li kienet inharget mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali, liema cirkolari kienet theggeg lill-Kunsilli Lokali sabiex jesprimu interess fi skema li permezz taghha setghu jittellghu attivitajiet fi zmien il-Milied. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi min-naha taghha kienet assenjat lis-Sinjuri Marco Agius u Johann Scerri, kunsilliera responsabbli mill-kultura u attivitajiet rispettivament sabiex ihejju abbozz ta' attivita' b'konnessjoni mal-iskema msemmija.

11.1.2 Is-Sindku ghaddiet biex taqra l-abbozz ta' attivita' li kienet qieghda tigi proposta li tittella' nhar it-18 u 19 ta' Dicembru 2021, liema attivita' kienet tinkludi fost l-ohrajn pantomima, cinema, kuncerti, numru ta' stalls ibieghu ikellu u oggetti relatati ma' zmien il-Milied u esibizzjonijiet. Is-Sa. Zerafa Civelli qalet illi skont id-dokumenti mressqa l-istima approssimattiva tal-attivita kienet ser tammonta ghal Ewro 49 007. Hija spjegat illi skont ic-cirkolari 90% tal-ispejjez kienu ser ikunu qieghdin jigu ffinanzjati mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali filwaqt li 10% riedu jithallsu mill-Kunsill Lokali.

11.1.3 Segwiet diskussjoni libera dwar l-iffinanzjar tal-attivita' u gie mistoqsi x'seta jigri fic-cirkostanza illi l-Kunsill Lokali ma jinghatax il-fondi jew ma jiehux il-massimu tal-fondi. Gie spjegat illi l-programm ta' attivitajiet kien gie mfassal b'tali mod illi seta jigi adattat ghall-fondi li jinghata il-Kunsill Lokali u ghaldaqstant l-ispiza setghet tigi ikkontrollata b'tali mod illi l-Kunsill Lokali qatt ma kien ser johrog aktar minn 10% tal-ispejjez tal-attivita'.

11.1.4 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Marco Agius issekondat mill-Kunsillier Johann Scerri, u bi qbil unanimu, gie deciz illi kellha tigi sottomessa espressjoni ta' interess skont il-programm imsemmi.

**Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

Is-seduta giet fi tmiemha fit-3:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata sine die.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |